Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2026/901

11.2.2026

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-funzjonalità tad-dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi tal-media skont l-Artikolu 18 (1) tar-Regolament (UE) 2024/1083 (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media)

(C/2026/901)

1. INTRODUZZJONI

1. L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (ir-Regolament (UE) 2024/1083 [1]), minn hawn 'il quddiem "l-EMFA", European Media Freedom Act) jipprevedi fl-Artikolu 18 sett ta' salvagwardji għall-forniturі ta' servizzi tal-media. Dawn is-salvagwardji huma relatati mal-moderazzjoni tal-kontenut tal-forniturі ta' servizzi tal-media minn forniturі ta' pjattaformi online kbar ħafna (minn hawn 'il quddiem "forniturі ta' VLOPs", very large online platforms) [2], meta tali moderazzjoni tkun ibbażata fuq it-termini u l-kundizzjonijiet rilevanti ta' dawn tal-aħħar. Biex jibbenefikaw minn dawn is-salvagwardji, il-forniturі ta' servizzi tal-media jeħtieġ li jiddikjaraw li jissodisfaw għadd ta' elementi, kif elenkati fl-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (g), tal-EMFA. Biex dan jiġi ffaċilitat, l-Artikolu 18(1) tal-EMFA jirrikjedi li l-forniturі tal-VLOPs jistabbilixxu funzjonalità li tippermetti lill-forniturі ta' servizzi tal-media jissottomettu din id-dikjarazzjoni.

2. Skont l-Artikolu 18(9) tal-EMFA, il-Kummissjoni hija inkarigata li toħroġ linji gwida biex tiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-funzjonalità msemmija fl-Artikolu 18(1). Il-premessa 53 tal-EMFA tindika wkoll li l-linji gwida għandhom jikkontribwixxu biex jimminimizzaw ir-riskju ta' abbuż potenzjali ta' dik il-funzjonalità, b'mod partikolari minn forniturі ta' servizzi tal-media li jinvolvu ruħhom sistematikament f'diżinformazzjoni, f'manipulazzjoni tal-informazzjoni u f'interferenza, inklużi dawk ikkontrollati minn ċerti pajjiżi terzi, filwaqt li jitqiesu l-kriterji li għandhom jiġu żviluppati mill-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media rigward il-forniturі ta' servizzi tal-media minn barra l-Unjoni. Din tiċċara li l-linji gwida jistgħu jinkludu arranġamenti relatati mal-involviment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rikonoxxuti, inklużi organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti, fir-rieżami tad-dikjarazzjonijiet jew mal-konsultazzjoni tal-awtoritajiet jew korpi regolatorji nazzjonali jew korpi koregolatorji jew awtoregolatorji. Pereżempju, tali involviment jista' jinvolvi l-possibbiltà għal dawk l-organizzazzjonijiet li jissenjalaw lill-forniturі tal-VLOPs kwalunkwe kwistjoni potenzjali rigward il-konformità mill-forniturі ta' servizzi tal-media mal-elementi rilevanti għad-dikjarazzjoni.

3. Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-applikazzjoni tar-regoli billi jistabbilixxu l-karatteristiċi essenzjali tad-disinn u tal-operat li għandu jkollha l-funzjonalità tad-dikjarazzjoni. Dawk il-karatteristiċi għandhom jikkontribwixxu biex jiżguraw li l-funzjonalità tad-dikjarazzjoni tkun faċli biex tinstab, faċli biex tintuża u faċli biex tiġi aċċessata mill-forniturі ta' servizzi tal-media, filwaqt li jagħtu lill-forniturі tal-VLOPs il-flessibbiltà meħtieġa biex jadattaw il-karatteristiċi għall-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi u l-mudelli tan-negozju tagħhom.

4. Fit-tħejjija ta' dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni mmirata li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi rappreżentanti tal-forniturі tal-VLOPs, forniturі ta' servizzi tal-media, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti, u awtoritajiet regolatorji.

5. Dawn il-linji gwida jirriflettu l-fehim tal-Kummissjoni tal-Artikolu 18 tal-EMFA. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss tista' tipprovdi interpretazzjoni finali u awtorevoli tal-liġi tal-UE.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj).

[2] Pjattaformi online b'medja ta' mill-inqas 45 miljun utent attiv fix-xahar fl-UE, kif magħżula mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

6. It-Taqsima 2 ta' dawn il-linji gwida tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-iskop tagħhom. It-Taqsima 3 tistabbilixxi l-karatteristiċi ġenerali minimi li għandu jkollha l-funzjonalità tad-dikjarazzjoni fil-fehma tal-Kummissjoni. It-Taqsima 4 tipprovdi gwida dwar l-elementi li għandhom jiġu ddikjarati skont l-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (g), tal-EMFA li jistgħu jappoġġaw kemm lill-fornituri ta' servizzi tal-media kif ukoll lill-fornituri tal-VLOPs fil-ġestjoni tas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni. Fit-Taqsima 5, il-Kummissjoni tagħti dettalji dwar aspetti oħra relatati mal-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet. It-Taqsima 6 tistabbilixxi arranġamenti għall-fornituri tal-VLOPs biex jikkonsultaw awtoritajiet jew korpi regolatorji jew mekkaniżmi koregolatorji jew awtoregolatorji fejn ikollhom "dubju raġonevoli" rigward il-konformità tal-fornituri ta' servizzi tal-media mal-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tal-EMFA. It-Taqsima 7 tistabbilixxi l-gwida tal-Kummissjoni għall-arranġamenti ġenerali għall-involviment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti, fir-rieżami tad-dikjarazzjonijiet.

2. **KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-LINJI GWIDA**

7. Skont l-Artikolu 18(1) tal-EMFA, il-fornituri tal-VLOPs huma meħtieġa jagħmlu l-funzjonalità tad-dikjarazzjoni disponibbli għall-fornituri ta' servizzi tal-media li huma riċevituri tas-servizzi tagħhom. Il-premessa 53 tal-EMFA tkompli tiċċara li l-fornituri tal-VLOPs li għandhom idaħħlu fis-seħħ funzjonalità tad-dikjarazzjoni huma dawk li jipprovdu aċċess għall-kontenut tal-media.

8. Biex jiġu ċċarati d-destinatarji u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi fl-Artikolu 18(1), il-Kummissjoni hija tal-fehma li għandhom jitqiesu l-elementi kollha tad-definizzjoni ta' "servizzi tal-media" fl-EMFA. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 2, il-punt (1), tal-EMFA, servizz tal-media huwa servizz fejn l-iskop prinċipali tas-servizz jew taqsima diżassoċjabbli tiegħu jkun il-forniment ta' programmi jew pubblikazzjonijiet tal-istampa, taħt ir-responsabbiltà editorjali ta' fornitur ta' servizzi tal-media, lill-pubbliku ġenerali, bi kwalunkwe mezz, għal skopijiet ta' informazzjoni, ta' divertiment jew ta' edukazzjoni. L-Artikolu 2, il-punt (1), tal-EMFA għandu jinqara wkoll flimkien mad-definizzjoni ta' "fornitur ta' servizzi tal-media" fl-Artikolu 2, il-punt (2), li jiddikjara li tali fornitur għandu jinftiehem bħala "persuna fiżika jew ġuridika li l-attività professjonali tagħha tkun li tipprovdi servizz tal-media…". Il-premessa 9 tal-EMFA tenfasizza ulterjorment il-karattru professjonali tal-attività bħala fattur determinanti li għandu jitqies għall-identifikazzjoni ta' persuni ġuridiċi jew fiżiċi li jipprovdu servizz tal-media. Il-premessa 9 tal-EMFA tirrikonoxxi wkoll li l-fornituri ta' servizzi tal-media jistgħu joperaw f'forom differenti fis-suq intern u tindika li d-definizzjoni ta' fornitur ta' servizzi tal-media għandha tinftiehem bħala li tkopri firxa wiesgħa ta' atturi professjonali tal-media, inklużi l-freelancers.

9. Kif spjegat fil-premessa 50 tal-EMFA, l-objettiv tal-Artikolu 18 tal-EMFA huwa li jsostni l-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-ambjent diġitali billi jimminimizza l-impatt tad-deċiżjonijiet fuq il-moderazzjoni tal-kontenut fuq l-integrità editorjali tal-fornituri ta' servizzi tal-media u fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni li hija affidabbli u prodotta skont l-istandards editorjali u professjonali. L-Artikolu 18 tal-EMFA għandu l-għan li jipproteġi l-attivitajiet ġurnalistiċi professjonali tal-fornituri ta' servizzi tal-media li jeżerċitaw responsabbiltà editorjali fuq il-programmi jew fuq il-pubblikazzjonijiet tal-istampa tagħhom, li jkopru b'mod partikolari kwistjonijiet ta' interess pubbliku, kwistjonijiet soċjetali jew fenomeni kulturali li fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għad-diskors pubbliku u għal dibattitu demokratiku ([3]).

10. Għalhekk, ir-rekwiżit li tiġi implimentata l-funzjonalità skont l-Artikolu 18(1) tal-EMFA għandu, f'konformità mal-premessa 53 tal-EMFA, ikopri l-fornituri ta' VLOPs li jipprovdu aċċess għal kontenut tal-media, jiġifieri dawk li jaħżnu u jxerrdu lill-pubbliku informazzjoni li tinkludi programmi jew pubblikazzjonijiet tal-istampa prodotti minn fornituri ta' servizzi tal-media f'konformità ma' standards editorjali u professjonali, sa fejn ikun sproporzjonat jew irrilevanti għall-objettiv tad-dispożizzjoni li tkopri fornituri oħra ta' VLOPs bħal swieq online jew pjattaformi li jipprovdu kontenut għall-adulti.

([3]) Dawn il-linji gwida għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli għall-kontenut ipprovdut mill-fornituri ta' servizzi tal-media li jista' jikkostitwixxi reklamar, inkluż reklamar politiku, jew komunikazzjoni kummerċjali kif definit minn atti leġiżlattivi oħra tal-UE, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva), kif emendata mid-Direttiva (UE) 2018/1808 (ĠU L 095 15.4.2010, p. 1) u r-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku (ĠU L, 2024/900, 20.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/900/oj).

3. **KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-FUNZJONALITÀ TAD-DIKJARAZZJONI**

11. L-iskop ta' din it-taqsima huwa li tistabbilixxi gwida dwar l-implimentazzjoni tal-funzjonalità tad-dikjarazzjoni. L-għan huwa li jiġi żgurat, kemm jista' jkun, li l-funzjonalità tiġi implimentata b'mod konsistenti u effettiv mill-fornituri tal-VLOPs, mingħajr preġudizzju għall-mudelli ta' negozju differenti u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull fornitur.

12. Il-funzjonalità li l-fornituri tal-VLOPs huma meħtieġa jdaħħlu fis-seħħ skont l-Artikolu 18(1) tal-EMFA hija prekundizzjoni ewlenija biex il-fornituri ta' servizzi tal-media jibbenefikaw mis-salvagwardji kontra deċiżjonijiet ta' moderazzjoni mhux ġustifikati relatati ma' kontenut meqjus inkompatibbli mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-VLOPs.

13. Il-funzjonalità għandha tifforma parti integrali mill-infrastruttura tal-fornituri tal-VLOPs. Għandha tikkonsisti minn karatteristika ddedikata u prominenti fuq l-interfaċċa tagħhom, sabiex il-fornituri ta' servizzi tal-media jkunu jistgħu jsibuha u jaċċessawha faċilment, eż. permezz tal-kontijiet tagħhom fuq il-pjattaforma.

14. Il-funzjonalità għandha tkun iddisinjata bħala kwestjonarju standardizzat li għandu jkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha ta' kull Stat Membru fejn il-fornituri tal-VLOPs joffru s-servizzi tagħhom. B'mod partikolari, il-kwestjonarju għandu jikkonsisti minn lista ta' kaxxi kkumpilata minn qabel li l-fornituri ta' servizzi tal-media jistgħu jimlew biex jiddikjaraw li huma jissodisfaw l-elementi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (e), tal-EMFA. Il-kwestjonarju għandu jippermetti lill-fornituri tas-servizzi jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (f) u (g), pereżempju permezz ta' kaxxa tad-dħul jew taqsima tal-annessi.

15. Il-fornituri tal-VLOPs għandhom jiżguraw li l-funzjonalità tinkludi karatteristika li tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jiddikjaraw il-kontijiet kollha li joperaw bihom fuq pjattaforma partikolari f'sottomissjoni waħda. Dan jagħmel id-dikjarazzjoni inqas oneruża għal dawk il-fornituri ta' servizzi tal-media li joperaw kontijiet multipli fuq pjattaforma partikolari peress li ma jkunux meħtieġa jagħmlu dikjarazzjonijiet distinti u individwali għal kull kont sottostanti li huma joperaw.

16. Biex jipprevjenu s-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet mimlija awtomatikament minn bots jew minn software awtomatizzat ieħor, il-fornituri tal-VLOPs għandhom jiżguraw li l-funzjonalità tinkludi karatteristika li tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jimmarkaw id-data u jiffirmaw elettronikament id-dikjarazzjoni tagħhom kif ukoll jawtentikawhom u jivverifikawhom permezz tat-Test ta' Turing Pubbliku u Kompletament Awtomatiku biex issir distinzjoni bejn Kompjuter u Bniedem ("CAPTCHA", Completely Automated Public Turing Test to Tell Computers and Humans Apart) jew protokolli simili mfassla biex jiddistingwu bejn utenti umani u software awtomatizzat.

17. Il-funzjonalità għandha tinkludi wkoll karatteristika fakultattiva li tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jtellgħu kwalunkwe informazzjoni relatata mas-sodisfazzjon tal-elementi ddikjarati skont l-Artikolu 18(1) tal-EMFA li huma jqisu rilevanti biex jappoġġaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, il-fornituri ta' servizzi tal-media għandu jkollhom il-possibbiltà li jindikaw jekk din l-informazzjoni ulterjuri ta' appoġġ tistax issir disponibbli pubblikament. Fi kwalunkwe każ, il-possibbiltà li tintuża din il-karatteristika fakultattiva biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni ta' appoġġ għandha tibqa' strettament soġġetta għad-diskrezzjoni unika tal-fornituri ta' servizzi tal-media. B'riżultat ta' dan, in-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn addizzjonali ma għandux jagħmel id-dikjarazzjoni mhux kompluta jew ma għandux jikkostitwixxi raġuni għar-rifjut tagħha.

18. Il-funzjonalità mħaddma mill-fornituri tal-VLOPs għandha tippermetti li jintbagħat messaġġ awtomatizzat li jirrikonoxxi l-irċevuta tad-dikjarazzjoni lill-fornitur ta' servizzi tal-media kkonċernat ladarba tkun ġiet sottomessa dikjarazzjoni. Dan il-messaġġ għandu jkun fih ukoll id-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur tal-VLOP, inkluż indirizz elettroniku li l-fornitur ta' servizzi tal-media jista' juża biex jikkomunika direttament u malajr, kif meħtieġ mill-Artikolu 18(3) tal-EMFA.

19. Għandu jkun possibbli għall-fornituri ta' servizzi tal-media li jimmonitorjaw u li jiġġestixxu l-istatus tad-dikjarazzjonijiet tagħhom permezz tal-kontijiet tagħhom fuq il-pjattaforma u li jaġġornaw, jemendaw jew jirtiraw id-dikjarazzjonijiet tagħhom fi kwalunkwe ħin. L-aġġornament jew l-emendar ta' dikjarazzjoni li diġà tkun ġiet aċċettata ma għandux ikun aktar ta' piż milli s-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni inizjali u lanqas ma għandu jirrikjedi sottomissjoni ġdida.

20. Il-fornituri tal-VLOPs għandhom jagħmlu d-dikjarazzjonijiet li jirċievu disponibbli pubblikament f'format faċilment aċċessibbli u li jinqara mill-magni. L-istess għandu japplika għal kwalunkwe informazzjoni ta' appoġġ ulterjuri kif imsemmi hawn fuq fil-paragrafu 17, f'konformità mar-rekwiżit skont l-Artikolu 18(2) tal-EMFA.

21. Biex titqajjem kuxjenza dwar il-funzjonalità tad-dikjarazzjoni u biex jiġi ffaċilitat l-użu tagħha, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-fornituri tal-VLOPs biex jippromwovuha b'mod attiv mar-riċevituri tas-servizzi tagħhom. Dan jista' jsir billi, pereżempju, tiġi inkluża l-funzjonalità fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom kif ukoll billi tiġi pprovduta spjegazzjoni ġenerali dwar kif għandha tiġi sottomessa dikjarazzjoni ladarba l-funzjonalità tkun fis-seħħ jew billi jiġi stabbilit punt ta' kuntatt dedikat f'dan ir-rigward.

4. **ELEMENTI INDIVIDWALI TAD-DIKJARAZZJONI**

22. Is-subtaqsimiet li ġejjin jagħtu gwida dwar ċerti aspetti relatati mal-elementi individwali li huma elenkati fl-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (g) u li għandhom jiġu inklużi f'dikjarazzjoni sottomessa minn fornitur ta' servizzi tal-media.

4.1. **Elementi relatati mal-Artikolu 18(1) l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) (b) u (f)**

23. Skont l-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (f) tal-EMFA, il-funzjonalità għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jiddikjaraw li huma fornituri ta' servizzi tal-media u li jikkonformaw mal-Artikolu 6(1) tal-EMFA, kif ukoll li jipprovdu l-isem legali u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom, inkluż indirizz elettroniku, li preferibbilment għandu jkun kaxxa postali ddedikata biex tippermetti kanal ta' komunikazzjoni stabbli, li l-fornitur tal-VLOP jista' juża biex jikkomunika magħhom malajr u direttament.

24. Għall-iskop tal-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet u l-iffaċilitar tal-identifikazzjoni tal-fornituri ta' servizzi tal-media, il-fornituri tal-VLOPs jistgħu jikkonsultaw bażijiet ta' data nazzjonali jew madwar l-UE disponibbli pubblikament għal informazzjoni aġġornata u komprensiva dwar il-fornituri ta' servizzi tal-media u s-sjieda tagħhom. Tali bażijiet ta' data jinkludu l-Euromedia Ownership Monitor ([4]) jew il-bażijiet tad-data nazzjonali tas-sjieda tal-media stabbiliti skont l-Artikolu 6(2) tal-EMFA. Il-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media (minn hawn 'il quddiem "il-Bord") jista' jiffaċilita l-kuntatti bejn il-fornituri tal-VLOPs u l-awtoritajiet nazzjonali rispettivi inkarigati mill-bażijiet tad-data nazzjonali.

25. Il-fornituri tal-VLOPs jistgħu jikkonsultaw ukoll il-MAVISE ([5]), bażi tad-data ċentralizzata u b'aċċess bla ħlas ġestita mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew. MAVISE tipprovdi informazzjoni dwar il-pajjiż ta' ġuriżdizzjoni tal-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva disponibbli fiż-Żona Ekonomika Ewropea, skont id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

26. F'dan il-kuntest, bħala parti mill-karatteristika fakultattiva deskritta fil-paragrafu 17 hawn fuq, il-fornituri ta' servizzi tal-media jistgħu jinkludu rabta diretta għall-bażi tad-data msemmija fil-paragrafi 24 u 25 hawn fuq u għas-sit web li fih l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 6(1) tal-EMFA.

4.2. **Elementi relatati mal-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)**

27. F'konformità mal-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tal-EMFA, il-funzjonalità għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jiddikjaraw li huma editorjalment indipendenti minn Stati Membri, minn partiti politiċi, minn pajjiżi terzi u minn entitajiet ikkontrollati jew iffinanzjati minn pajjiżi terzi.

([4]) EurOMo (Euromedia Ownership Monitor).
([5]) Bażi tad-data ta' MAVISE.

28. Bħala parti mill-karatteristika fakultattiva deskritta fil-paragrafu 17 hawn fuq, il-fornituri ta' servizzi tal-media jistgħu jtellgħu informazzjoni rilevanti, bħall-miżuri, il-politiki jew il-proċeduri interni li huma jkunu implimentaw biex iżommu u jrawmu l-indipendenza editorjali tagħhom. Għal dan il-għan, il-fornituri ta' servizzi tal-media jistgħu jfittxu ispirazzjoni mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda fis-settur tal-media, li tinkludi katalogu mhux eżawrjenti u mhux kumulattiv ta' miżuri volontarji mmirati lejn is-salvagwardja tal-indipendenza u tal-integrità tad-deċiżjonijiet editorjali ([6]).

29. Il-karatteristika fakultattiva deskritta fil-paragrafu 17 hawn fuq tista' wkoll tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jindikaw li ma humiex soġġetti għal xi miżuri restrittivi li kurrentement huma imposti mill-Unjoni Ewropea minħabba, fost affarijiet oħra, in-nuqqas ta' indipendenza editorjali tagħhom ([7]).

4.3. **Elementi relatati mal-Artikoli 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (d) u (g)**

30. F'konformità mal-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tal-EMFA, il-funzjonalità għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jiddikjaraw (i) li huma soġġetti għal rekwiżiti regolatorji għall-eżerċitar tar-responsabbiltà editorjali fi Stat Membru wieħed jew aktar u għal superviżjoni minn awtorità jew korp regolatorju nazzjonali kompetenti jew (ii) li jaderixxu ma' mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju li jirregola l-istandards editorjali li jkun rikonoxxut b'mod wiesa' mis-settur tal-media rilevanti u li jkun aċċettat b'mod wiesa' fih, fi Stat Membru wieħed jew aktar.

31. Dawn l-elementi huma alternattivi u mhux kumulattivi. Għalhekk, fornitur ta' servizzi tal-media li jiddikjara li huwa soġġett għal rekwiżiti regolatorji għall-eżerċitar tar-responsabbiltà editorjali u s-superviżjoni minn awtorità jew minn korp regolatorju nazzjonali kompetenti ma jkollux għalfejn jiddikjara wkoll li jaderixxi ma' mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju li jirregola l-istandards editorjali li jkun rikonoxxut minn u aċċettat b'mod wiesa' fis-settur tal-media rilevanti fi Stat Membru wieħed jew aktar u viċi versa.

32. Bħala parti mill-karatteristika fakultattiva deskritta fil-paragrafu 17 hawn fuq, il-fornituri ta' servizzi tal-media jistgħu jipprovdu evidenza b'appoġġ għad-dikjarazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d) ([8]). Il-fornituri ta' servizzi tal-media huma mħeġġa wkoll itellgħu informazzjoni ta' appoġġ dwar il-mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju li jirregola l-istandards editorjali li jaderixxu magħhom ([9]).

33. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-livell ta' żvilupp ta' mekkaniżmi koregolatorji jew awtoregolatorji jista' jvarja bejn l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Bord, bħala parti mill-kompitu ġenerali tiegħu li jippromwovi l-applikazzjoni konsistenti u effettiva tal-EMFA, jista' jrawwem u jiffaċilita l-iżvilupp ta' inizjattivi koregolatorji jew awtoregolatorji nazzjonali effettivi, koerenti u kkoordinati, inkluż fil-kuntest tad-djalogu strutturat skont l-Artikolu 19 tal-EMFA.

34. Għall-finijiet tal-Artikolu 18 tal-EMFA, mekkaniżmi koregolatorji jew awtoregolatorji huma maħsuba biex jiggarantixxu governanza effettiva tal-istandards editorjali, b'indipendenza sħiħa mill-interessi statali, politiċi u kummerċjali, u jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod trasparenti, u ħafna drabi huma fdati bis-sorveljanza tal-konformità f'konformità mal-istandards etiċi u professjonali rilevanti

35. Eżempji ta' tali mekkaniżmi koregolatorji jew awtoregolatorji jinkludu kunsilli nazzjonali tal-media u tal-istampa, kif ukoll ordnijiet jew assoċjazzjonijiet professjonali li jissorveljaw il-professjoni ġurnalistika u li jirregolaw l-istandards editorjali.

([6]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1634 tas-16 ta' Settembru 2022 dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjieda fis-settur tal-midja (ĠU L 245 22.9.2022, p. 56).

([7]) Lista aġġornata tal-miżuri restrittivi imposti kurrentement mill-Unjoni Ewropea tista' tinstab fuq is-sit web li ġej: https://data.europa.eu/apps/eusanctionstracker/.

([8]) Eżempji jistgħu jinkludu ċertifikati jew dokumentazzjoni rilevanti mill-kunsill tal-istampa, tal-media jew tal-etika stabbilit f'wieħed mill-Istati Membri jew li jipprovdi l-link għas-sit web tal-kunsill inkwistjoni.

([9]) Eżempji jinkludu l-miżuri meħuda mill-mekkaniżmu inkwistjoni biex jiżgura konformità mal-istandards tiegħu jew il-proċeduri għar-riżoluzzjoni u s-segwitu ta' lmenti dwar nuqqas ta' konformità.

36. F'konformità mal-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (g), tal-EMFA, il-funzjonalità għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt, inklużi ismijiet, indirizzi elettroniċi jew numri tat-telefown, ta' punti ta' kuntatt rilevanti tal-awtoritajiet jew tal-korpi regolatorji nazzjonali rilevanti jew rappreżentanti tal-mekkaniżmi koregolatorji jew awtoregolatorji msemmija fl-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tal-EMFA. F'dan ir-rigward, il-Bord huwa mħeġġeġ jgħin lill-fornituri ta' servizzi tal-media u lill-fornituri tal-VLOPs billi jipprovdi lista aġġornata tal-awtoritajiet jew tal-korpi regolatorji nazzjonali rilevanti u billi jiġbor informazzjoni dwar il-mekkaniżmi koregolatorji u awtoregolatorji rilevanti li joperaw fl-Istati Membri.

4.4. **Elementi relatati mal-kundizzjoni skont l-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e)**

37. Il-gwida pprovduta hawn taħt dwar kif għandu jiġi applikat l-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tal-EMFA hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 50 tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (ir-Regolament (UE) 2024/1689) u għal kwalunkwe linja gwida jew kodiċi ta' prattika maħruġa skont l-Artikolu 50(7) u l-Artikolu 96(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), ta' dak ir-Regolament ([10]).

38. F'konformità mal-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tal-EMFA, il-funzjonalità għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jiddikjaraw li ma jipprovdux kontenut iġġenerat minn sistemi ta' intelliġenza artifiċjali mingħajr ma jissottomettuh għar-rieżami mill-bniedem jew għall-kontroll editorjali.

39. Bħala parti mill-karatteristika fakultattiva deskritta fil-paragrafu 17 hawn fuq, il-fornituri ta' servizzi tal-media jistgħu jikkondividu informazzjoni dwar il-prattiki tagħhom fir-rigward tar-rieżami uman jew il-kontroll editorjali tal-kontenut iġġenerat minn sistemi ta' intelliġenza artifiċjali.

40. Pereżempju, dik l-informazzjoni tista' tkun relatata ma' funzjonijiet jew ma' rwoli speċifiċi fi ħdan organizzazzjoni ta' fornitur ta' servizz tal-media li huma fdati bir-rieżami editorjali ta' kontenut iġġenerat minn sistemi ta' intelliġenza artifiċjali, jew bit-teħid ta' responsabbiltà editorjali għal tali kontenut.

41. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tfakkar li l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 18 tal-EMFA fir-rigward tal-moderazzjoni tal-kontenut mill-fornituri tal-VLOPs li tirriżulta fis-sospensjoni tal-forniment tas-servizzi ta' intermedjazzjoni online tagħhom fir-rigward tal-kontenut ipprovdut minn fornitur ta' servizzi tal-media testendi għall-kontenut kollu pprovdut mill-fornituri ta' servizzi tal-media, inkluż dak iġġenerat jew manipulat minn sistemi ta' intelliġenza artifiċjali, diment li l-fornituri ta' servizzi tal-media jissottomettu tali kontenut għal rieżami uman jew għal kontroll editorjali kif indikat minnhom fid-dikjarazzjonijiet tagħhom.

5. **ASPETTI OĦRA RELATATI MAT-TRATTAMENT TAD-DIKJARAZZJONIJIET**

42. Biex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet sottomessi jiġu ttrattati fi żmien raġonevoli u mingħajr dewmien żejjed, kif meħtieġ mill-aħħar sentenza tal-Artikolu 18(3) tal-EMFA, il-fornituri tal-VLOPs għandhom jipproċessaw id-dikjarazzjonijiet individwalment u kontinwament hekk kif jaslu. B'mod partikolari, ma għandhomx jillimitaw is-sottomissjoni u l-ipproċessar tad-dikjarazzjonijiet għal perjodi ta' żmien speċifiċi.

43. Id-deċiżjoni li tiġi aċċettata, miċħuda jew invalidata dikjarazzjoni għandha tkun ibbażata biss fuq l-elementi ddikjarati skont l-Artikolu 18(1) tal-EMFA. Id-deċiżjoni li tiġi aċċettata, miċħuda jew invalidata dikjarazzjoni ma għandhiex tkun ibbażata fuq jekk il-kontenut tal-fornitur ta' servizzi tal-media huwiex kompatibbli jew le mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-fornitur tal-VLOP.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

44. Il-forniturituri tal-VLOPs jistgħu jinvalidaw dikjarazzjoni li tkun ġiet aċċettata qabel biss jekk il-fornitur ta' servizzi tal-media kkonċernat ma jibqax jissodisfa wieħed jew aktar mill-elementi ddikjarati skont l-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (e), tal-EMFA.

45. Sabiex ikun aktar faċli li jiġu identifikati kwistjonijiet potenzjali ta' konformità fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet, in-nuqqas minn fornitur ta' servizzi tal-media li jissodisfa wieħed jew aktar mill-elementi ddikjarati skont l-Artikolu 18(1) tal-EMFA jista' jiġi nnotifikat lill-forniturituri tal-VLOP mill-awtorità jew mill-korp regolatorju nazzjonali kompetenti jew mill-mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju. Jista' jiġi senjalat ukoll minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 57, f'konformità mal-premessa 53 tal-EMFA.

46. Fejn in-nuqqas li jiġi ssodisfat wieħed jew aktar mill-elementi ddikjarati skont l-Artikolu 18(1) tal-EMFA jkun ġie senjalat minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 57, il-forniturituri tal-VLOPs għandhom ifittxu konferma dwar il-kwistjoni mingħand l-awtorità jew mingħand il-korp regolatorju nazzjonali kompetenti jew mill-mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju rilevanti.

47. F'dan il-kuntest, il-forniturituri tal-VLOPs għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' punt ta' kuntatt uman għall-finijiet ta' skambji mal-forniturituri ta' servizzi tal-media, mal-awtoritajiet jew korpi regolatorji nazzjonali kompetenti jew mal-mekkaniżmi koregolatorji jew awtoregolatorji rilevanti, u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 57.

48. Jekk dikjarazzjoni tiġi miċħuda jew invalidata, il-forniturituri tal-VLOPs għandhom jinformaw lill-fornitur ta' servizzi tal-media kkonċernat bid-deċiżjoni tagħhom mingħajr dewmien żejjed. Meta jinformaw lill-fornitur ta' servizzi tal-media kkonċernat, il-forniturituri tal-VLOPs għandhom jindikaw ir-raġunijiet tagħhom għar-rifjut jew għall-invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni u għandhom jirreferu għar-rimedji disponibbli għall-forniturituri ta' servizzi tal-media skont l-Artikolu 18(7) tal-EMFA.

6. **KONSULTAZZJONI TAL-AWTORITAJIET JEW TAL-KORPI REGOLATORJI NAZZJONALI JEW MEKKANIŻMI KOREGOLATORJI JEW AWTOREGOLATORJI F'KAŻ TA' DUBJU RAĠONEVOLI**

49. Skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tal-EMFA, fejn ikun hemm dubju raġonevoli dwar jekk il-fornitur ta' servizzi tal-media jikkonformax ma' dak li ddikjara skont l-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d) tal-EMFA, jiġifieri li huwa soġġett għal rekwiżiti regolatorji għall-eżerċitar tar-responsabbiltà editorjali fi Stat Membru wieħed jew aktar u għal superviżjoni minn awtorità jew minn korp regolatorju nazzjonali kompetenti jew jekk jaderixxix ma' mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju li jirregola l-istandards editorjali li jkun rikonoxxut minn u aċċettat b'mod wiesa' fis-settur tal-media rilevanti fi Stat Membru wieħed jew aktar, il-forniturituri tal-VLOPs għandhom ifittxu konferma dwar il-kwistjoni mingħand l-awtorità jew mingħand il-korp regolatorju nazzjonali rilevanti jew mingħand il-mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju rilevanti.

50. Il-premessa 53 tal-EMFA tispjega li l-kuntatt mal-awtorità jew mal-korp regolatorju nazzjonali jew mal-mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju jippermetti lill-fornitur tal-VLOP jikkonferma jekk il-fornitur ta' servizzi tal-media huwiex soġġett għal rekwiżiti regolatorji jew jaderixxix ma' mekkaniżmi koregolatorji jew awtoregolatorji. Dik il-premessa tindika li, fejn rilevanti, il-forniturituri tal-VLOPs jistgħu jibbażaw fuq l-informazzjoni disponibbli rigward l-aderenza mar-rekwiżiti u l-mekkaniżmi rilevanti, bħal standards żviluppati mill-industrija jew kodiċijiet ta' kondotta rilevanti oħra.

51. F'dan il-kuntest, ikun hemm "dubju raġonevoli" fejn il-forniturituri tal-VLOPs ma jistgħux jaċċertaw mill-informazzjoni sottomessa mill-fornitur ta' servizzi tal-media fid-dikjarazzjoni tiegħu jekk dak il-fornitur ta' servizzi tal-media huwiex soġġett għal rekwiżiti regolatorji jew jaderixxix ma' rekwiżiti koregolatorji jew awtoregolatorji. Dan ikun il-każ, pereżempju, fejn informazzjoni dwar is-sħubija fil-kunsilli tal-istampa ma tkunx disponibbli pubblikament jew fornitur ta' servizzi tal-media ma jidhirx fir-reġistri disponibbli pubblikament tal-awtorità jew tal-korp regolatorju nazzjonali kompetenti li kien indikat fid-dikjarazzjoni.

52. Jekk awtorità jew korp regolatorju nazzjonali kompetenti jiġi kkonsultat skont l-Artikolu 18(1), l-aħħar subparagrafu, tal-EMFA, għandu jikkonferma jekk il-fornitur ta' servizzi tal-media kkonċernat huwiex soġġett għal rekwiżiti regolatorji għall-eżerċizzju tar-responsabbiltà editorjali u għas-sorveljanza tiegħu. Għall-finijiet ta' dik il-konferma, l-awtorità jew il-korp regolatorju nazzjonali kompetenti jista' jqis: (i) ir-regoli nazzjonali applikabbli għall-fornitur ta' servizzi tal-media; (ii) il-kriterji li abbażi tagħhom il-fornitur ta' servizzi tal-media jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni u l-mandat regolatorju tiegħu; (iii) ir-reġistri jew il-listi nazzjonali disponibbli li jinkludu l-fornitur ta' servizzi tal-media; u (iv) id-dispożizzjonijiet rilevanti li jistabbilixxu s-setgħat regolatorji li jista' jeżerċita fuq il-fornitur ta' servizzi tal-media.

53. Għall-finijiet tal-konferma msemmija fl-Artikolu 18(1), l-aħħar subparagrafu, tal-EMFA, mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju li huwa rikonoxxut minn u aċċettat b'mod wiesa' fis-settur tal-media fi Stat Membru wieħed jew aktar jista' jqis informazzjoni relatata mal-aderenza tal-fornitur ta' servizzi tal-media mal-istandards editorjali rilevanti.

54. Din l-informazzjoni tista' tinkludi jekk il-fornitur ta' servizzi tal-media huwiex membru tal-mekkaniżmu jew huwiex kopert minnu, jew jekk huwiex parti minn kodiċijiet ta' kondotta jew strumenti oħra li jistabbilixxu l-istandards editorjali applikabbli

55. Meta awtorità jew korp regolatorju nazzjonali kompetenti jew mekkaniżmu koregolatorju jew awtoregolatorju jkun ġie kkonsultat minn fornitur ta' VLOP u jkun ikkonferma li fornitur ta' servizzi tal-media huwa soġġett għal rekwiżiti regolatorji jew jaderixxi ma' rekwiżiti koregolatorji jew awtoregolatorji, id-dikjarazzjoni għandha tiġi aċċettata immedjatament, sakemm l-elementi l-oħra kollha elenkati fl-Artikolu 18(1) tal-EMFA jkunu ġew sodisfatti wkoll.

7. **INVOLVIMENT TA' ORGANIZZAZZJONIJIET TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI U ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-VERIFIKA TAL-FATTI**

56. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti jista' jkollhom rwol importanti fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u ta' interferenza mill-barranin. Dawn jistgħu jgħinu biex jivvalutaw u jivverifikaw il-kontenut online u jgħinu biex jiżguraw li l-pubbliku jkollu aċċess għal informazzjoni akkurata, affidabbli u ta' min jafdaha.

57. F'konformità mal-premessa 53 tal-EMFA, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-fornituri tal-VLOPs, sabiex jimminimizzaw ir-riskju ta' abbuż potenzjali tal-funzjonalità, biex jaħdmu flimkien ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom kompetenza u għarfien rilevanti fil-qasam tal-media, u jaderixxu mal-istandards tal-metodoloġija, l-etika u t-trasparenza. Tali organizzazzjonijiet jistgħu jinkludu: (i) organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-livell tal-UE jew nazzjonali fil-qasam tal-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media; (ii) organizzazzjonijiet tal-litteriżmu medjatiku; u (iii) organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti bħal dawk li huma parti mill-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali ("EDMO", European Digital Media Observatory) ([11]) jew min-Network Ewropew tal-Istandards tal-Verifika tal-Fatti ("EFCSN", European Fact-Checking Standards Network) ([12]).

58. Il-fornituri tal-VLOPs għandhom jikkunsidraw li jpoġġu fis-seħħ kanali ddedikati għall-konsultazzjoni u għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' organizzazzjonijiet rilevanti, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti. F'dan ir-rigward, il-fornituri tal-VLOPs jistgħu jaħtru punti ta' kuntatt speċifiċi u dedikati biex jippermettu lil tali organizzazzjonijiet jissenjalaw kwalunkwe kwistjoni li jidentifikaw meta jirrieżaminaw id-dikjarazzjonijiet disponibbli pubblikament.

59. Għal dak il-għan, il-fornituri tal-VLOPs għandhom jikkunsidraw li jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi ta' feedback fis-seħħ għal segwitu xieraq mal-organizzazzjonijiet rilevanti, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 57. Dan jinkludi, bħala minimu, li tintbagħatilhom konferma li s-senjalar tagħhom wasal u li jiġu informati dwar is-segwitu għal tali senjalar.

([11]) EDMO | Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali.

([12]) EFCSN | European Fact-Checking Standards Network Project – European Fact-Checking Standards Network Project.

60. Il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-VLOPs u l-organizzazzjonijiet rilevanti, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 57, trid tkun trasparenti. Għal dak il-għan, il-fornituri tal-VLOPs jistgħu jipprovdu lista disponibbli pubblikament tal-organizzazzjonijiet li magħhom jikkollaboraw.

61. Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll lill-organizzazzjonijiet rilevanti, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 57, biex jaġixxu bħala intermedjarji bejn il-fornituri tal-VLOPs u individwi, akkademiċi, riċerkaturi u partijiet ikkonċernati oħra li jistgħu jidentifikaw kwistjonijiet fir-rigward tal-konformità ta' fornitur ta' servizzi tal-media mal-elementi ddikjarati skont l-Artikolu 18(1) tal-EMFA li jista' jistħoqqilhom kunsiderazzjoni ulterjuri. F'tali każijiet, organizzazzjonijiet rilevanti, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 57, għandhom jużaw il-kanali disponibbli għall-konsultazzjoni u għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kif previst f'din it-Taqsima, biex iressqu l-kwistjoni għall-attenzjoni tal-fornituri tal-VLOPs.

62. Il-Kummissjoni tqis li l-Bord għandu jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet l-aktar rilevanti li jistgħu jaħdmu mal-fornituri tal-VLOPs. Dan jista' jsir fil-kuntest tad-djalogu strutturat bejn il-fornituri tal-VLOPs, ir-rappreżentanti tal-fornituri ta' servizzi tal-media u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili msemmija fl-Artikolu 19(1) tal-EMFA.

8. **KONKLUŻJONIJIET**

63. Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li tiżgura li l-Artikolu 18 tal-EMFA jiġi applikat b'mod effettiv. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jiffaċilitaw it-tnedija tal-funzjonalità tad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) tal-EMFA, għall-benefiċċju tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

64. Il-Kummissjoni se tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, inkluż billi tqis kwalunkwe żvilupp u esperjenza relatata, kif diskuss fil-kuntest tad-djalogi strutturati msemmija fl-Artikolu 19(1) tal-EMFA, u se tirrieżaminahom kif meħtieġ.